**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 145/2019**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**Vs**

**Samantha Bray**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-soċjeta` **No Deposit Cars Malta Limited** ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha talbet illi l-konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' għaxart elef u mitt ewro(€10,100) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBW 261 u kif ukoll multi mħallsa mill-istess soċjeta` fuq l-istess vettura

Rat ir-risposta ta' **Samantha Bray** ippreżentata fid-9 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :-

*"Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentament għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' stante illi l-konvenuta, minn jeddha, u mingħajr ebda interpellazzjoni, irritornat lura lis-soċjeta' attriċi il-vettura Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni HBW 261 u dana minħabba illi sabet ruħha f'diffikultajiet finanzjarji. "*

Rat illi fit-23 ta' Novembru 2020 is-soċjeta` attriċi ppreżentat kapitolu, liema kapitolu ġie meqjus ammess fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020 stante li l-konvenut ma deheritx għall-istess seduta;

Rat l-affidavit ta' Thorne Mangion;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tas-soċjeta` attriċi;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirriżulta illi fil-25 ta' Settembru 2018 is-soċjeta` attriċi u l-konvenuta iffirmaw *hire and purchase agreement* fir-rigward tal-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HBW 261.[1] Illi l-ftehim dwar il-pagament tal-istess vettura kien illi l-konvenuta tħallas mija u tmenin ewro (€180) fix-xahar għal total ta' għaxart elef u tmien mitt ewro (€10,800).

Thorne Mangion, impjegat tas-soċjeta` attriċi, xehed illi wara li l-konvenuta għamlet sitt (6) pagamenti hija waqfet tħallas u infurmathom li ma setgħetx tħallas iktar. In oltre x-xhud spjega illi l-konvenuta kienet qaltilhom biex jieħdu l-vettura lura u li din għandha ggaraxxjata. Barra minn hekk fuq l-istess vettura kien themm pendenti multi ta' mitejn ewro (€200).

Illi l-konvenuta, għalkemm ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha, ma xehditx f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kuntratt esebiti mis-soċjeta` attriċi fi klawsola 7 jelenka xi ftehmu l-partijiet f'każ li l-konvenuta ma tonorax l-obbligi assunti minnha fuq l-istess kuntratt.

[1] Dokument esebit a fol. 2

Għal aħjar intendiment tal-ftehim, qed tiġi riprodotta hawn taħt il-parti rilevanti ta' klawsola 7 tal-kuntratt *de quo*, u *cioe`* dik li titratta dwar « *Default, Termination and Withdrawl* » :

*"1.Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law the parties agree that in case of:*
*1. Default in the punctual payment of one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*

*2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*

*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have incurred and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

*2. The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use.* ***Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after the possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any changes, fees and interest accrued.***[2]

*1. The Hirer irrevocably authorizes the Owner to retrieve the physical possession of the Motor Vehicle and to do all that is necessary to change the registration of the Motor Vehicle onto the name of the Owner if the Hirer does not comply with the request to return possession of the Motor Vehicle to the Owner within five (5) calendar days.*

*2. The parties agree that if the Hirer refuses or otherwise impedes the physical retrieval of the Motor Vehicle by the Owner as explained in the foregoing sub-clause, the Hirer shall be liable to pay the Owner a daily penalty of twenty-five Euro (€25) which shall run from the sixth (6th) calendar day following the day of demand in accordance with clause 7.2. These penalties shall be without prejudice to the Owner's rights in accordance with the foregoing sub-clauses.*

*3. For the purposes of the foregoing sub-clauses the parties agree that all payments effected by the Hirer up to the date the Owner resumes possession of the Motor Vehicle shall be deemed rental charges for the use of the Motor Vehicle, and shall not be reimbursed.*
*......*

[2] Enfasi tal-Qorti

*6. The Hirer is expressly prohibited from unilaterally withdrawing from this agreement and it shall be at the Owner's utmost discretion to terminate this agreement upon demand of the Hirer, saving the Owner's right to claim any outstanding balance, charges, fees, damages and interest accrued in terms of this agreement."*

Illi bħala stat ta' fatt m'hemmx kontestazzjoni illi l-konvenuta ma baqgħatx tħallas l-ammonti dovuti minnha. Lanqas ma hu kontestat illi llum il-ġurnata l-vettura ġiet ritornata lis-soċjeta` attriċi. Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti hija li tara x'inhi l-posizzjoni tal-partijiet, skont il-ftehim ċitat hawn fuq, wara li l-vettura ġiet ritornata lis-soċjeta` attriċi.

Illi skont il-ftehim, malli l-konvenuta tfalli pagament wieħed u tibqa' hekk moruża sa żmien tletin (30) ġurnata minn meta tiġi interpellata biex tħallas mis-soċjeta` attriċi, allura l-ftehim jiġi terminat *ipso iure* u s-soċjeta` attriċi jkollha dritt titlob il-vettura lura. Illi fil-każ preżenti ma jirriżultax li saret l-imsemmija interpellazzjoni. Minkejja dan, il-vettura xorta ġiet ritornata lis-soċjeta` attriċi. Dak li mbgħad kellha dritt tagħmel is-soċjeta` attriċi kien li titlob id-differenza fil-prezz bejn il-bilanċ dovut u l-prezz tal-vettura meta diġa tiġi mibjugħa għal darb'oħra.

Illi għaldaqstant, ladarba l-vettura għadha fil-pussess tas-soċjeta` attriċi, kif xehed Thorne Mangion, l-istess soċjeta` ma setgħetx tipproċedi għall-bilanċ dovut għaliex sa issa dan l-ammont għad mhux magħruf.

Illi din il-Qorti tirrileva illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjeta` attriċi ppreżentat kapitolu. Il-Qorti tirrileva illi għalkemm l-istess kapitolu ġie meqjus bħala ammess, tirrileva wkoll illi l-kapitolu hu fatt proċesswali li jġib miegħu effetti speċifiċi, espressament previsti u determinati mill-liġi taħt il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa deżunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni ġudizzjali f'min lilu jiġi deferit ta' fatt sfavorevoli għall-kapitolat u ta' vantaġġ għall-parti li ppreżentatu. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**,[3] fejn intqal illi *"din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-*

[3] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

*ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Madanakollu, għalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wieġeb għalihom u ma jkunx iġġustifika l-omissjoni tiegħu li jikkontesta l-kawża formalment, għandhom jitqiesu bħala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiġġudika huwa obbligat joqgħod dejjem fuq dik il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u evalwata flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombaċanti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhrilu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni għandha ċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. F'dan is-sens ara d-deċiżjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**.[4] In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova weħida mhux neċessarjament u bilfors għandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attriċi in kwantu dak l-istat miġjub *in essere* bil-kapitolu ma għandux ifisser li qed jintroduċi derogi għall-prinċipju tal-piż tal-provi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, is-soċjeta` attriċi kellha quddiemha żewġ (2) għażliet biex tissodisfa l-kreditu tagħha, u cioe`, li titlob il-bilanċ kollu f'daqqa jew inkella li titlob il-vettura lura u d-differenza fil-prezz bejn il-bilanċ dovut u l-prezz li bih terġa' tinbiegħ. Illi għalkemm ma jirriżultax illi hija talbet il-vettura lura, jirriżulta illi meta l-konvenuta irritornat l-istess vettura hija aċċettata, tant li għadha fil-pussess tagħha. Ma jirriżultax għalhekk li l-vettura reġgħet inbiegħet. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi ladarba s-soċjeta` attriċi għażlet triq ma tistgħax ukoll titlob il-bilanċ kollu mingħand il-konvenuta.

Illi dwar din il-materja diġa kien hemm pronunzjamenti f'kawżi quddiem dawn il-Qrati,[5] fosthom kawża li l-istess soċjeta` attriċi ppreżentat kontra ċertu Milos Vorkapic, li f'dawk il-proċeduri baqa' kontumaċi, u liema kawża ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament presejduta fid-9 ta' Jannar 2020. F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

---

[4] Prim'Awla, 28 ta' Ġunju, 1952

[5] Ara **Frank Borda Ltd vs Raymond Bezzina et (PA 12 ta' Lulju 2018)**

*"Il-Qorti fil-każ odjern fehmet illi s-soċjeta` attriċi pproċediet b'din il-kawża* ***għall-ħlas tal-bilanċ sħiħ*** *tal-prezz tal-vettura minħabba l-morożita` tal-konvenut fil-ħlas tar-ripagamenti mensili ai termini tal-klawsola 7 tal-ftehim,* ***proprju għaliex ma pproċedietx u m'hijiex sejra tipproċedi biex titlob u tikseb ir-restituzzjoni tal-pussess tal-vettura mingħand il-konvenut. Evidentement b'din il-kawża s-soċjeta` attriċi mhux qiegħda titlob biss id-differenza bejn il-bilanċ dovut mill-konvenut u l-prezz tal-vettura wara li terġa' tiġi mibjugħa, li huwa l-jedd li ġie riżervat lilha f'każ tar-restituzzjoni tal-pussess ai termini tal-klawsola 7.2.***

*Dan qed jingħad għaliex il-Qorti tqis illi* ***jekk tintlaqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tal-bilanċ kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura, kif del resto minnha mitlub f'dawn il-proċeduri, hija ma tistax imbagħad tipproċedi sussegwentement biex titlob ir-restituzzjoni tal-vettura mingħand il-konvenut għal-fini ta' bejgħ lil terzi*** *jekk mhux permezz tal-ħruġ ta' Mandati eżekuttivi għall-fini tal-bejgħ bis-subbasta tal-vettura u bl-eżerċizzju tal-privileġġ speċjali spettanti lill-istess soċjeta` attriċi a tenur tal-Artikolu 2009(d) tal-Kodiċi Ċivili fuq ir-rikavat ta' dak il-bejgħ għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz, għaliex altrimenti tkun qiegħda evidentement tarrekkixxi ruħa indebitament a skapitu tal-konvenut u l-Qorti trid tara li dan ma jsirx.*

***Dan premess u stabbilit****, il-Qorti ma għandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-każ, in-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għall-kaptiolu għas-subizzjoni, ipprovoka il-konfessjoni tiegħu għat-talba għall-ħlas tal-bilanċ sħiħ tal-prezz u, b'applikazzjoni talArtikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis ukoll li l-kapitolu ġie debitament mistqarr u aċċettat mill-istess konvenut fil-kwadru tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula.*

*Għaldaqstant, billi l-Qorti qiegħda tqis li s-soċjeta` attriċi ma pproċedietx u ma hijiex sejra tipproċedi biex titlob ir-restituzzjoni immedjata tal-pussess tal-vettura, skont kif del resto kellha l-jedd li tagħmel bis-saħħa tal-klawsola bin-numru 7.2 tal-ftehim, għaliex għażlet, minflok, li titlob il-ħlas tal-bilanċ kolllu tal-prezz tal-vettura skont il-ftehim, qiegħda, għal din ir-raġuni biss, tilqa' t-talba tal-istess soċjeta` attriċi kif dedotta."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. F'din il-vertenza, minkejja li tinsab fil-pussess tal-vettura *de quo*, is-soċjeta` attriċi xorta talbet il-bilanċ sħiħ. Fil-fehma umli tal-Qorti, dan ma setgħetx tagħmlu. A differenza tal-vertenza hawn fuq ċitata, fil-każ odjern dak li s-soċjeta` attriċi tista' tagħmel huwa li titlob il-bilanċ dovut wara li l-bejgħ mill-ġdid tal-vettura. Illi għalhekk il-Qorti mhux se tkun qed tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont mitlub stante li s-soċjeta` attriċi ħadet pussess tal-vettura *de quo*. Dan ovvjament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollha s-soċjeta` attriċi wara l-eventwali bejgħ mill-ġdid tal-vettura *de* quo. Lanqas m'hu se tkun qiegħda tilqa' t-talba tagħha għall-ħlas

tal-multi mħallsa mis-soċjeta` attriċi stante li skont l-affidavit ta' Thorne Mangion dawn ġew imħallsa mill-istess konvenuta.[6]

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-talba tas-soċjeta` attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe bilanċ li jista' jkun dovut lis-soċjeta` attriċi mill-konvenuta, liema bilanċ jista' biss jiġi aċċertat u jkun dovut wara li jsir il-bejgħ mill-ġdid tal-vettura *de quo*.

In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

______________

**Diane Gatt**
**Deputat**

[6] Ara affidavit a fol. 27